MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1814/1999/1

**Nathalie Vella.**

**vs.**

**Mario Vella.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-konvenut Mario Vella datat 26 ta’ Awissu 2002 fejn talab li:-

(a) ir-rikors jigi mismugh bl-urgenza,

(b) li d-Digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 25 ta’ Mejju 2001 jigi emendat b’dan li l-access tar-rikorrenti ghall-istess minuri Redeemer jigi mizjud ghal kull nhar ta’ Tnejn u Erbgha mill-5.00.p.m. sat-8.00.p.m. u mill-

Gimgha mill-5.00p.m. sas-Sibt fit-3.00.p.m., u il-gimgha ta' wara minflok il-Gimgha u s-Sibt jiehdu l-Hadd mill-10.00.a.m. sas-6.00.p.m.; (c) li jigi appuntat rapprezentant tal-Agenzija Appogg biex jara li l-interessi tal-minuri jigu salvagwardati; u (d) li d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili jigi revokat fis-sens biss li l-manteniment hemm ordnat sabiex jinghata mill-konvenut lill-attrici fl-ammont ta' Lm10 fil-gimgha jigi mnehhi.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 26 ta' Awissu 2002.

Rat in-nota tal-konvenut u l-affidavit tieghu datati 6 ta' Settembru 2002.

Rat li l-istess rikors gie notifikat lill-kontro-parti u ma jidhirx li hemm risposta fl-istess process.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u in partikolari l-appuntamenti li jidher li ghandu l-istess minuri ghall-Muzew u korsijiet taz-zfin, thoss li l-access tal-konvenut ghandu jizdied ghall-gurnata wahda fil-gimgha u cjoe' kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.30.p.m. u dan apparti l-access li gja' ghandu gimgha darba kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00.a.m. u l-5.00.p.m. u l-gimgha ta' wara l-Hadd bejn l-10.00.a.m. u l-5.00.p.m. b'dan li l-minuri jittiehed u jingab lura mir-residenza tal-attrici.

Illi dwar it-tielet talba din qed tigi michuda *stante* li ma jidhirx li hemm bzonnha f'dan l-istadju.

Illi dwar ir-raba' talba ghat-tnaqqis ta' manteniment li l-istess rikorrenti qed prezenzjalment ihallas lill-attrici in forza tad-digriet premess tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, din it-talba qed tigi michuda stante li ma hemmx ragunijiet ghaliex fl-istadju ta' pendenza ta' din il-kawza r-rikorrenti ghandu jieqaf ihallas manteniment lill-martu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li **tichad l-ewwel (1), it-tielet (3), u l-raba' talba tal-konvenut rikorrenti fir-rikors tieghu tas-26 ta' Awissu 2002, tilqa' t-tieni (2) talba tieghu fl-istess rikors b'dan biss li** l-access tal-konvenut ghall-minuri ghandu jizdied ghal gurnata wahda fil-gimgha u cjoe' kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.30.p.m. u dan apparti l-access li gja ghandhu gimgha darba kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00.a.m. u l-5.00.p.m. u l-gimgha ta' wara l-Hadd bejn l-10.00.a.m. u l-5.00.p.m. b'dan li l-minuri jittiehed u jingab lura mir-residenza tal-attrici, u f'dan is-sens huwa mibdul id-Digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju 2001, u mill-bqija ghalhekk l-istess Digriet huwa kkonfermat.

Illi l-Qorti tordna ukoll li kopja legali ta' dan id-Digriet tigi notifikata lill-attrici a spejjez tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez ta' dan id-Digriet ghar-rikorrenti.

**Degretat.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------